# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 11/2024**

Data: L-Erbgħa 13 ta' Novembru, 2024

Ħin: 18:00hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

Preżenti:
Sur Clayton Portelli Cascun – Sindku
Chev Darren Marmara – Viċi Sindku
Sur Charles Bonello – Kunsillier
Sur Ray Deguara – Kunsillier
Sur Izaak Catania Degiovanni – Kunsillier 18:14
Sur Mark Lombardo – Kunsillier
Sa Josianne Scicluna - Kunsilliera
Dr Ryan Ellul – Kunsillier

Skużat:
Sur Adrian Tanti – Kunsillier

Ritianne Bonnici –Deputat Segretarju Eżekuttiv

## AĠENDA

11.1 TALBIET TA' APOLOGIJA

11.2 MINUTI

11.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

11.4 PURCHASE REQUEST FORMS

11.5 RILASIJIET

# KUNSILL LOKALI FGURA

11.6 FINANZI

11.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

11.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

11.9 KORRISPONDENZA

11.10 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

11.11 PROGETTI, TORQ U XOGHOLIJIET INFRASTRUTTURALI

11.12 TRAFFIC MANAGEMENT

11.13 STAFF

11.14 MOZZJONIJIET

11.15 PLANNING AUTHORITY

11.16 PROGRESS TA' HIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

11.17 MISTOQSIJIET

11.18 AĠĠORNAMENT

---

Is-Sindku radd is-salib u qal talba.

## 11.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**11.1.1** Kien hemm talba wahda ta' apoloġija tal-Kuns A Tanti. Il-Kunsill approva din it-talba

## 11.2 MINUTI

**11.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6978/24/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa 8/2024 bid-data tat-23 ta' Ottubru 2024'

Din kienet sekondata mill-Kuns R. Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**11.2.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6979/24/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa b'urġenza 9/2024 bid-data tad-29 ta' Ottubru 2024'

Din kienet sekondata mill-Kuns R. Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**11.2.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6980/24/9** 'Sabiex jiġu approvati l-minuti tal-laqgħa b'urġenza 10/2024 bid-data tal-1 ta' Novembru 2024'

Din kienet sekondata mill-Kuns R. Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

11.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**11.3.1** Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi punti mqajjma mill-minuti, fejn il-Kuns M Lombardo qal li se jkun qed iressaq dikjarazzjoni fir-rigward tad-dikjarazzjoni li ressaq il-Kuns C Bonello fil-laqgħa preċedenti. Tali dikjarazzjoni tinsab annessa bħala dok 'A'.

**11.3.2** Wara li l-Kuns M Lombardo qara d-dikjarazzjoni, il-Kuns C Bonello qal li fil-laqgħa preċedenti fejn kien qara d-dikjarazzjoni li kien għamel hu stess, kien ġie akkużat mill-Kuns. Mark Lombardo li kien qed jaħli l-ħin tal-Kunsill u allura staqsa jekk issa hux il-kaz li qed itellef il-hin tal-Kunsill l-istess Lombardo. Kompla billi qal li kif kien qal fil-laqgħa preċedenti mhux se jagħmel stqarrija oħra kif ukoll li dwar dak li semma' il-Kuns M Lombardo dwar il-wirja tal-presepju kienet gidba ghal darb'ohra. Rigward li ġie akkużat li għamel xi tip ta kuntatt jew indħil fuq iż-żjara tal-Kap tal-Opożżizzjoni ġewwa l-binja tal-Kunsill, il-Kuns C Bonello ddikjara li hu qatt ma ndaħal jew kellu xi ndħil, lanqas ma kellu kuntatt u wisq inqas kellem lil xi terzi biex iż-żjara tal-Kap tal-Opożżizzjoni tiġi tidher ħaġa u mhux oħra. Il-Kuns C Bonello kompla jgħid li għadu qed jistenna lill-Kuns M Lombardo biex kif kien qal fl-ewwel dikjarazzjoni tiegħu fejn kellu jieħu passi ulterjuri, jagħmel dan u l-fatti li l-Kuns M Lombardo qed isejħilhom fantażma, jkun jistgħa jipproducihom f'dawk il-proceduri.

11.4 PURCHASE REQUEST FORMS

**11.4.1** Il-Viċi Sindku staqsa dwar din il-materja li ġiet diskussa fil-laqgħa tal-Kunsill iktar qabel f'din il-leġislatura u xtaq jara jekk sarx xi progress fuq hekk. Is-Sindku qal li din il-materja ġiet diskussa u ħafna drabi qed isir tibdil fix-xiri iżda jekk ħwienet oħra ma jkollhomx dak li hu mitlub qed jinxtara mill-istess ħanut apparti li l-affarijiet tiegħu jbiegħomlna wholesale. Ġie deċiż li din il-prassi għandha tibqa' ssir.

**11.4.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref:**6981/24/9** "Sabiex jiġu approvati PRFPO għal-laqgħa tal-Kunsill ta' Novembru 2024 kif inhu anness.".

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet b'7 voti favur u astenzjoni Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Favur: Is-Sindku, Kuns C Bonello, Kuns R Deguara, Kuns I Catania Degiovanni, Kuns M Lombardo, Kuns J Scicluna, Kuns R Ellul

Astenzjoni: Il-Kuns. D. Marmara

## 11.5 ĦLASIJIET

**11.5.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6982/24/9** "Sabiex jiġu approvati l-ħlasijiet mis-16/10/2024 sa 6/11/2024 kif inhu anness"

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul.

Il-mozzjoni għaddiet b'7 voti favur u astensjoni Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Favur: Is-Sindku, Kuns C Bonello, Kuns R Deguara, Kuns I Catania Degiovanni, Kuns M Lombardo, Kuns J Scicluna, Kuns R Ellul

Astenzjoni: Il-Kuns. D. Marmara

## 11.6 FINANZI

**11.6.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6983/24/9** 'Sabiex tiġi approvata r-Reply to Management Letter għas-sena 2023 hekk kif anness'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet b'7 voti favur u astenzjoni Is-Sindku talab li jitniżżlu l-ismijiet.

Favur: Is-Sindku, Kuns C Bonello, Kuns R Deguara, Kuns I Catania Degiovanni, Kuns M Lombardo, Kuns J Scicluna, Kuns R Ellul

Astenzjoni: Il-Kuns. D. Marmara

## 11.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**11.7.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6984/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika għal Skema SPI/SPC/8/2024 Espressjoni ta' interess – Finanzjament Karnival 2025'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello

# KUNSILL LOKALI FGURA

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 11.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**11.8.1** Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li rigward it-tender tal-istreet sweeping dan ħareġ u se jagħlaq fis-26 ta' Novembru. Għaldaqstant se jibda fis-seħħ fix-xhur li ġejjin

**11.8.2** Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-kwotazzjoni tax-xufier tal-vann tal-anzjani issa ġie konkluż ukoll u se jsir l-iffirmar tal-ftehim fil-jiem li ġejjin. Is-Sindku qal li t-tender tal-vann ġie magħluq u preżenta l-evaluation report. Il-Viċi Sindku talab li tintbagħatlu kopja tat-tender. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6985/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jagħżel l-irħas offerent rigward il-kwotazzjoni għax-xufier tal-vann tal-anzjani'.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**11.8.3** Is-Sindku qal li wasal biex jagħlaq it-tender tal-Fgura United Football Club fejn skond it-tender eżistenti nistgħu nġeddu għal sena u matul din is-sena jiġi ppreparat it-tender. Il-Kuns C Bonello staqsa jekk hux se jimxu fuq l-istess tender preċedenti biex filkaż ikun jistgħa jinbeda l-proċess. Fuq dan kien hemm qbil mill-membri tal-kamra li t-tender għandu jinħareġ kif kien u għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6986/24/9** 'B'referenza għall-kuntratt HFP-17-21 'Leasing of Property – Artificial Turf Football Pitch – Fgura Local Council' tali kuntratt għandu jiġi estiż għal sena oħra, fejn matul din is-sena għandu jinħareġ kuntratt ġdid'.

Il-Kuns C Bonello staqsa jekk hemmx bżonn li jkun hemm tibdiliet fil-kundizzjonijiet biex jekk se jkun hemm tibdiliet għandu jersaq quddiem il-Kunsill. Is-Sindku qabel dwar dan.

Din kienet sekondata mill-Kuns I Catania DeGiovanni

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**11.8.4** Is-Sindku qal li rċieva talba mingħand il-Kuns J Scicluna li qed jirreżenja mis-sotto kumitat tat-tenders. Is-Sindku qal li se jkun qed jaċċetta din ir-riżenja u se jkun qed jaħtar kunsillier ieħor minflok. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6987/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jaħtar lis-Sur Ray Deguara bħala membru fis-Sotto Kumitat tat-tenders dan wara li s-Sinjura Scicluna talbet li ma tibqax tagħmel parti minn l-istess Kumitat'.

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

11.9 KORRISPONDENZA

**11.9.1** Is-Sindku nforma lill-membri tal-kamra li l-Kunsill irċieva talba mingħand student universitarju fejn qed jagħmel studju fuq l-arja mniġġsa u qed jitlob sabiex għal ġimgħatejn ikun jistgħa jpoġġi strument fuq il-bejt tal-binja tal-Kunsill. Is-Sindku qal li jaqbel li jsir dan iżda l-Kunsill għandu jkollu kopja tar-rapport. Il-Kuns M Lombardo qal li ġieli sar dan it-tip ta' studju u li jinteressa lill-Kunsill huma żewġ fatturi, li huma kif se jaffettwa lil-lokalita' tagħna u t-tqabbil ma' lokalitajiet oħrajn. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6988/24/9** 'Mozzjoni sabiex is-Sur Benjamin Tabone Adami jingħata permess sabiex ipoġġi apparat għal perjodu ta' żmien fuq il-Bejt tal-Uffiċċju tal-Kunsill Lokali, liema apparat ikejjel il-kontaminazzjoni tal-arja. Il-Kunsill jixtieq li jekk possibli jirċievi r-riżultati tal-kwalita' tal-arja fil-Fgura kif ukoll ta' lokalitajiet oħrajn fejn jintuża l-istess tip ta' apparat'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**11.9.2** Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva korrispodenza mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn ġejna nfurmati li ġie mitmum eżerċizzju li kien qed isir min-naħa tagħhom dwar l-installazzjoni ta' 100 bus shelter ġdid f'numru ta' lokalitajiet. Il-Fgura se tkun qed tibbenefika minn bus shelter bl-isem Blandun bin-numru 469 fejn se jiġi nstallat faċċata tal-kumpless Gallarija, Is-Sindku kompla billi spjega li se ssir onsite meeting mal-kumpanija li se tkun qed tinstalla dawn il-bus shelters biex naraw x'se jsir eżatt għax jekk jaqilgħu dak eżistenti u jitpoġġa l-ġdid, il-Kunsill ma jkun ibbenefika minn xejn sakemm ma jsirx upgrade tiegħu. Is-Sindku qal li fil-laqgħa li se ssir magħhom se jitlob jekk jistax jiġi nstallat x'imkien ieħor peress li dan li qed jiproponu huwa fi stat tajjeb ħafna. Il-Kuns C Bonello qal li ma jaqbilx li jsir dan l-imsemmi bus shelter biss minħabba l-estetika tal-bus shelters fil-kumplament tat-triq principali, apparti li jekk hemm problemi fil-bus shelter ta' fejn il-B4 għandu jinbdel dna il-bus shelter li mhux qiegħed fi stat tajjeb jew tal-inqas jinbidlu żoni eżempju tibdil fil-bus shelters ta' Triq Zabbar kollha. Il-Kuns J Scicluna qalet sakemm dawn mhux se jibdlu l-imemmi bus shelter biex ikabbruh peress li huwa wieħed frekwentat iżjed minn oħrajn. Għaldaqstant ġie deċiż li l-ewwel issir laqgħa mal-kuntrattur u mbagħad din il-materja terġgħa tinġieb fuq il-mejda tal-Kunsill.

**11.9.3** Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva talba mingħand l-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu Fgura sabiex isir reklam fil-kalendarju. Il-Kuns J Scicluna staqsiet dwar xix kien se jiġi ppublikat ir-reklam, u Sindku wieġeb li għall-Milied. Il-Kuns M Lombardo qal li min-naħa tal-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu Fgura ġibdulu l-attenzjoni li l-ispazju li jkun hemm allokat huwa wieħed żgħir u jekk se nirreklamaw l-iskeda flimkien mal-awgurju se jkun kollox fgat f'xulxin. Il-Viċi Sindku ppropona li għandhom jiġu allokati żewġ spazji sabiex l-avviż jidher sew. Għaldaqstant kien hemm qbil u s-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6989/24/9** 'Sabiex isir reklam fil-kalendarju għas-sena 2025 li jiġi ppubblikat mill-Għaqda Mużikali u Soċjali Madonna tal-Karmnu Fgura. Dan ir-reklam irid ikun fih l-awgurju tal-

Kunsill kif ukoll l-iskeda tal-ġbir ta' skart. Dan għal spiża ta'mhux iżjed minn €300 għal żewġ spazji'

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**11.9.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6990/24/9** 'Sabiex tintlaqa' t-talba ta' dawn l-istudenti biex jagħmlu 20hrs kull wieħed placement fi ħdan il-Kunsill Lokali tal-Fgura: Is-Sur Zion Zahra, Is-Sur Zveiden Cassar, Is-Sinjorina Cedella Zahra, Is-Sur Jayden Grech, Is-Sur Jean Paul Mangion'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**11.10 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**11.10.1** Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li ilu għal bosta żmien jintalab li jsir bus shelter fi Triq San Tumas lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, fejn ir-risposta li ngħatat kienet li l-imsemmi bus shelter mhux xi wieħed daqstant frekwentat. Is-Sindku kompla billi qal li ltaqgħu mal-Perit tal-Kunsill flimkien mal-Kuns J Scicluna fejn ġie deċiż li l-Perit joħloq disinn sempliċi kemm persuna tista' tistkenn mill-elementi. Is-Sindku qal li qabel ma jiġi nstallat se jkun qed jitressaq għall-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill u qabel ma jiġi maħdum għandha tiġi nfurmata l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali biex ikun hemm l-approvazzjoni tagħhom ukoll.

**11.10.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6991/24/9** 'Sabiex tinxtara vacuum cleaner heavy duty għall-prezz ta' mhux iżjed minn €430 bil-vat inkluża'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**11.10.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6992/24/9** 'Sabiex jinxtara grinder għall-prezz ta' mhux iżjed minn €170 bil-vat inkluża'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**11.10.4** Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li ġie nfurmat mill-Kunsill Reġjonali Port li hemm xi fondi li għadhom ma ġewx minfuqa u għaldaqstant minflok jingħataw lill-Kunsilli bħala kontanti fil-kont bankarju tagħhom se jkunu qed jinxtraw tip ta' għodda jew makkinarju li se jkun qed jingħataw lill-Kunsilli li jagħmlu parti mill-Kunsill Reġjonali Port.

**11.10.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6993/24/9** 'Sabiex jiġu mixtrija u miżrugħa 100 ponsjetta fir-roundabout ta' Triq Hompesch kantuniera ma' Triq is-Sur għal spiża ta' mhux iżjed minn €500 vat inkluża'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**11.10.6** Is-Sindku qal l-poster tal-kiri tas-sala ġie mtellgħa fuq il-mezzi soċjali u ntlaqa' tajjeb u stieden lill-membri tal-kamra biex jgħatu titwila l-byelaw biex ikollhom idea ta' kif tinkera u kemm tinkera.

**11.10.7** Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva imejl mingħand il-Commission on Gender based Violence and Domestic Violence fejn jixtiequ jikru s-sala nhar is-Sibt 7 ta' Diċembru, fejn intbagħtitilhom il-bye law u aċċettaw li jħallsu tal-kirja. Il-Kuns C Bonello qal li l-membri tal-Kunsill japprova s-Sala peress li t-talba tkun bla ħlas iżda issa li daħlet il-parti kummerċjali, ma tagħmilx sens li japprovaw kull rikjesta li jkun hemm għall-kirja bi ħlas fejn finalment il-byelaw ġiet approvata bi qbil u għaldaqstant kull kirja kummerċjali m'hemmx għalfejn titressaq għall-approvazzjoni tal-membri tal-Kunsill imma l-amministrazzjoni tara li ma tinkisirx il-Bye Law. Il-Viċi Sindku staqsa min se jkun qed jerfa' r-responsabbilta' dwar jekk talba għandhix tiġi approvata jew le, fejn il-Kuns C Bonello wieġeb li s-Segretarja għandha tagħmel dan u l-bye-law tirregola dan. Il-Kuns J Scicluna qablet li kull talba għandha titressaq għall-approvazzjoni tagħhom għas-sempliċi raġuni li qed jiġi nvestit ammont ta' flus għall-użu tas-sala bħal siġġijiet, fran etc u li jekk tiġrilhom xi ħsara għandhom ikunu mgħarfa min kien qed jagħmel użu mis-sala. Wara diskussjoni li qamet bejn il-membri ġie deċiż li għandha tibqa' tintuża l-prassi tal-approvazzjoni b'imejl. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6994/24/9** 'Sabiex tiġi approvata l-kirja ta' €150 biex isir użu mis-sala nhar is-Sibt 7 ta' Diċembru 2024 bejn l-4pm u l-10pm, fejn se jsiru diskussjonijiet u short plays mill-Commission on Gender-based Violence and Domestic Violence.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

Il-Viċi Sindku ħareġ mill-kamra fis-18:56

**11.10.8** Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie avviċinat mill-Active Ageing Centre tal-Fgura li preżentament jagħmlu użu mis-Sala kull nhar ta' Tlieta sabiex jiġi nstallat evacuation lift fejn jixtiequ li l-Kunsill joħroġ parti mis-somma iżda dan mhux possibli kemm sabiex jitniżżel kif suppost fil-kotba tal-Kunsill u anke bħala finanzi. Għaldaqstant is-Sindku qed jiproponi li tali talba għandha tiġi aċċettata bil-patt li l-evacuation lift jiġi mixtri min-naħa tal-Aġenzija stess. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6995/24/9** 'Sabiex tiġi approvata t-talba tal-Fgura Active Ageing Centre biex jiġi nstallat evacuation lift fit-tieni sular. Dan l-evacuation lift għandu jiġi mixtri mill-istess Aġenzija u ma jitniżżilx fil-kotba tal-Kunsill.'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**11.10.9** Is-Sindku qal li saret press Conference f'Wesgħa Reggie Miller nhar l-Erbgħa 30 ta' Ottubru fir-rigward tal-Iskema Finanzjament Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi fejn dan il-Kunsill se jkun qiegħed ukoll jibbenefika minn din l-iskema permezz ta' tranġar fil-bankina ta' Triq Hompesch bejn Triq is-Sur u Triq San Tumas

**11.10.10** Is-Sindku qal li kellu laqgħa ma' rapreżentanti tal-Enemalta fejn iddiskuta magħhom dwar it-tiswijiet ta'emerġenza li qed isiru u wara reinstatement ma jsirx kif kien. Is-Sindku talab lill-Enġinier li jitranġaw it-tiswijiet immedjatament u jsir ix-xogħol kif suppost. L-enġinier talab il-lista biex tintbagħtilhom u din qed naħdmu fuqha. L-Enġinier ma kienx jaf li qed isir hekk u aċċenna li suppost fejn jaqilgħu għandhom jerġgħu jgħattuh bit-tarmak fi żmien 48 siegħa. Is-Sindku kompla billi qal li ġie diskuss id-dawl tal-arcade ta' Triq l-Għollieq, fejn l-Enġinier talab għan-notification number biex jivverifika fejn waslu t-talbiet tal-Kunsill. Il-Kuns M Lombardo ġibed l-attenzjoni dwar il-floodlight min-naħa ta' wara tal-arcades u s-Sindku afferma li applikajna għaliha wkoll. Is-Sindku kompla billi qal li tkellem dwar id-diversi ħsarat ta' bozzoz li qed ikun hawn fejn l-Enġinier infurmah li ltaqgħu ma' bosta każijiet li demarcation boxes tal-kuntrattur kien qed jidħlilhom l-ilma u għaldaqstant jinqata' d-dawl tal-bozza u f'ċertu każijiet anke ta' triq kollha. Kompla billi qal li ġiet diskussa l-possibilta' li fil-main road jiġu nstallati fanali antiki fejn l-Enġinier infurmana li dawn jinxtraw mill-Kunsill iżda min-naħa tagħhom ma jissuġġerux li dawn isiru peress li bħalma ġara fil-lokalita' ta' Ħaż-Żebbuġ kellhom jaqilgħuhom kollha peress li kienu b'żewġ fanali fejn il-fanal li kien jitfa' d-dawl fuq in-naħa ta' ġewwa fuq il-bankina kien jitfa' d-dawl fit-twieqi u galleriji tan-nies. Is-Sindku tkellem rigward il-possibilta' li mal-arbli jsiru strutturi fejn jistgħu jsiru reklamar, l-Enġinier infurmah li diġa kien hemm lokalita' oħra li pruvat tagħmel hekk u ma ngħatatx approvazzjoni minħabba li jkunu ta' distrazzjoni għas-sewwieqa. L-Enġinier informa lis-Sindku li se jkun hemm infurzar tas-sistema tal-elettriku fi triq Ġorġ Stevens jinżlu għal Triq il-Kampanella jitilgħu lejn Triq is-Sur, jibqgħu telgħin għal Triq Anġlu u Marianna Camilleri, jgħaddu għal Triq Blondel, jibqgħu ħerġin għal triq Bormla, jaqsmu għal triq il-Karmnu jgħaddu għal Triq it-Tagħlim u parti minn Triq Buqexrem. Is-Sindku qal li nfurmawh ukoll li fejn it-triq tkun b'żewġ karreġġjati se tkun qed tingħalaq karreġġjata waħda u fejn it-triq tkun b'karreġġjata waħda ssir trinka biex b'hekk ma jsirx għeluq ta' toroq. Meta se jkun qed jibda l-Proġett se jkunu qed jintbagħatu min-naħa tal-Enemalta, ittra lir-residenti taż-żona kif ukoll se jġibu d-data mill-Arms biex jintbagħat sms lil dawn ir-residenti wkoll.

**11.10.11** Is-Sindku qal li l-Kunsill ġie kkuntattjat mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn qed isir Proġett bl-isem ta' 'Kunsill Lokali ta' tfal'. Is-Sindku kellu laqgħa magħhom nhar it-Tlieta 5 ta' Novembru fejn attendew żewġ tfajliet bl-isem ta' Mariah u Andrea, qegħdin 3 gruppi ta' żewġ persuni li jridu jlaħħqu ma' Malta u Għawdex. Is-Sindku staqsa jekk hux se jidħlu partiti politiċi fih u dawn weġbuh fin-negatttiv, staqsa wkoll fir-rigward tal-irwoli u kkonfermaw li l-irwoli jiġu mibdula kull sitt xhur. Il-Kunsill tat-Tfal se jkollhom Sindku, Segretarju Eżekuttiv u l-membri tal-kunsill, jekk ikun hemm attendenza numeruża se jinħolqu wkoll dekasteri. Kompla billi qal li se jkunu qed jimxu bħalma jimxi Kunsill bil-file tal-laqgħa, agenda u anke mozzjonijiet. Il-Mozzjonijiet li jgħaddu se jiġu mressqa fil-laqgħa tal-Kunsill. L-etajiet huma minn 6 sa 16 -il sena. Għal dan, il-Kuns C Bonello qal li għandu jkun hemm

żewġ gruppi jew jinħolqu żewġ tipi ta' Kunsilli, dak tat-tfal u l-ieħor taż-żgħażagħ. Il-Kuns C Bonello saħaq li t-taħlita tal-etajiet ta' 6 snin ma 16 -il sena hija ħażina u se jivvota kontra. Wara diskussjoni li qamet ġie deċiż li għandhom jinħolqu żewġ gruppi fejn l-etajiet ikunu maqsuma minn 6 sa 11 -il sena u minn 11-il sena sa 16 -il sena. Il-Kuns J Scicluna staqsiet jekk dawn it-tfal hux se jkunu assenjati mal-Kunsilliera u s-Sindku wieġeb fin-negattiv. Is-Sindku ta eżempju bis-suġġett tas-siġar, fejn ir-rappreżentant tal-Kunsill tat-tfal se tinfurma lill-Kunsill biex jiġi mistieden jew mistiedna l-Kunsillier responsabbli mis-siġar fil-laqgħa tal-Kunsill ta' Tfal.

Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6996/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jaċċetta t-talba biex isir il-Kunsill tat-Tfal, bil-kundizzjoni li jkun hemm żewġ age groups ta' bejn 6 u 11 -il sena u minn 11 sa 16-il sena..'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**11.10.12** Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li rigward id-Direct order tal-UPS issa għandna l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali

**11.10.13** Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand is-Sur Flores CEO tal-Aġenzija LESA fejn infurma lill-Kunsill li dawk il-Kunsilli Lokali li għandhom kameras tas-sigurta' għall-finijiet ta' regolamenti tat-traffiku u tal-ambjent se jkunu qed jibbenefikaw minn ħlas ta' 10% tal-valur tal-kontravenzjonijiet li ngħataw minn dawn il-kameras. Is-Sur Flores ġie kkuntattjat sabiex il-Kunsill jingħata ċifra iżda dan il-Kunsill ma ngħata l-ebda risposta.

**11.10.14** Is-Sindku qal li l-Kunsill irċieva korrispondenza mingħand id-Dipartiment tal-probation sabiex persuna ta' 21 sena tagħmel 80 siegħa bla ħlas bħala xogħol fil-komunita' kif inqatgħet mill-Qorti. Is-Sindku se jkun qed jiltaqa' ma din il-persuna kif ukoll il-persuna responsabbli tiegħu nhar it-Tlieta 19 ta' Novembru, fejn f'każ li din il-peruna tinsab tajba se tkun qed tagħmel xogħol fil-komunita' tal-Fgura.

**11.10.15** Is-Sindku qal li saret il-laqgħa mal-Accountant hekk kif kien mitlub li jsir fejn kull min kien preżenti ddiskuta miegħu kull materja li kien hemm dubju fuqha fejn il-budget tal-kunsilliera se jibqa' l-istess kif kien preżentat fil-laqgħa preċedenti. Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6997/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova il-budget anness hekk kif ġie mqassam skont il-ħtiġijiet għas-sena 2025'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara

Il-mozzjoni għaddiet nem con

11.11 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**11.11.1** Is-Sindku qal li fil-leġislatura preċedenti kienu ġew approvati l-pjanti ta' Slow Streets fi Tiq Hompesch. Is-Sindku qassam kopja tagħhom lill-

membri preżenti. Is-Sindku nforma li ftit ġimgħat ilu ġiet imnedija l-kampanja 'Vjal Kulħadd' u biex dan il-Kunsill idaħħal l-istess pjanti għall-proġett ta' Vjal Kulħadd hemm bżonn li titressaq mozzjoni.
Il-Kuns C Bonello qal li Pjazza Wesgħa l-Kunsill tal-Ewropa ma kinitx inkluża fil-proġett fejn l-Kuns R Ellul ikkonferma li din it-triq kienet inkluża fil-proġett. Il-Kuns C Bonello qal li l-aħħar li ġiet diskussa din il-pjanta kien li peress li se jitnaqqsu l-parking bejn il-Monument tas-Salib u l-bieb ta' Hompesch kienu se jiżdiedu fi Triq Nazzareno Farruġia. Il-Kuns C Bonello kompla billi qal li kellu jiżdied ukoll il-parkeġġ fejn preżentament hemm l-bus stage kantuniera ma' Triq Sant'Antnin u kkonferma li jinsab miżjud fil-pjanta mgħoddija lilhom. Il-Kuns J Scicluna staqsiet jekk hux se jiġu affetwati l-karozzi tal-linja fejn is-Sindku kkonferma li se jibqgħu l-istess izda skond ir-rotta tat-traffiku. Il-Kuns R Ellul spjega r-rotta lejn Paola kif se tkun qed tgħaddi kif ukoll ir-rotta lejn Ħaż-Żabbar minn fejn se tkun qed tgħaddi. Il-Kuns J Scicluna ġibdet l-attenzjoni li fi Vjal Kottoner irid isir bus shelter peress li direzzjoni lejn Ħaż-Żabbar mhux se jgħaddu tal-linja u minflok se jgħaddu minn Vjal Kottoner. Is-Sindku kif ukoll il-Kuns R Ellul ikkonfermaw li qed jaħsbu għalih fil-pjanti ta' Vjal Kottoner. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabet il-pjanta li kienet ġiet approvata biex jiġi vverifikat li Triq Nazzareno Farrugia kienet ukoll parti mill-Proġett. Il-pjanta ġiet murija lill-membri. Il-Kuns C Bonello nsista li l-importanti li ma jitnaqqasx il-parkeġġ.

Għaldaqstant is-Sindku ressaq mozzjoni ref:**6998/24/9** 'Sabiex il-pjanti annessa fir-rigward tal-proġett Slow Streets fi triq Hompesch jiġu sottomessi għall-proġett Vjal Kulħadd'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 11.12 TRAFFIC MANAGEMENT

**11.12.1** Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li l-Kunsill irċieva imejl mingħand persuna li ġarbet ħsara fuq tyre fi Vjal Kottoner u għaldaqstant se jressaq mozzjoni ref: **6999/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jinforma lill-persuna kkonċernata li t-talba tagħha ma ġietx milqugħa'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

Il-Kuns I Catania Degiovanni ħareġ mill-kamra fit-19:44

**11.12.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref **7000/24/9** 'Sabiex talba għal un/loading bays, mitluba hawn taħt: 1. Prochimps fi Triq Zabbar, 2. Tad-Doughnuts fi triq Hompesch, 3. 225 triq Zabbar. Dawn it-talbiet għandhom jiġu rifjutati'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**11.12.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref **7001/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jibda l-proċess ma' Transport Malta biex isiru l-kannizzati sofor madwar ir-roundabouts tal-Main road kollha, kif ukoll fit-triq prinċipali quddiem toroq San Ġwann, Sant'Antnin, San Pietru u Riħan, Triq Patri Maurizio Mizzi'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**11.12.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref **7002/24/9** 'Dan Il-Kunsill jiddikjara minħabba l-problema ta' parkeġġ li hawn li tinvolvi kemm lill-komunita' residenzjali kif ukoll il-komunita' kummerċjali ma għandux ikun hawn time parking għall-istabbilimenti kummerċjali għaliex dan toħloq tbatija għar-residenti tal-Fgura'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**11.12.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref **7003/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jitlob l-approvazzjoni ta' TM sabiex isiru bollards tal-plastic 'orange' maġenb il-garages u daħliet oħrajn fejn kontinwament qed jiġi ostakolat l-aċċess għal dawn l-entraturi'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Ellul

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**11.12.6** Il-Kuns R Ellul ressaq mozzjoni ref **7004/24/9** 'Sabiex isiru 8 bollards tal-plastic (4 kull naha) fi Triq Hompesch 'l fuq mit-traffic island ta' quddiem il-ħanut Keyhole, sabiex ikunu ta' prevenzjoni ħalli l-karozzi ma jdurux kontra l-liġi'

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 11.13 STAFF

**11.13.1** Is-Sindku nforma lill-membri preżenti li fir-rigward tal-vakanza ta' Assistant Prinċipal s-Sa Ann Marie Gatt bdiet bil-ħidma tagħha mal-Kunsill Lokali tal-Fgura nhar it-Tlieta 5 ta' Novembru. Filwaqt li għall-vakanza ta' Skrivan jew skrivana ġew ikkuntattjati l-applikanti li għaddew għal din is-sejħa u li kienu 3, fejn l-ewwel applikanta ma aċċettatx peress li aċċettat il-kariga ta' Assistent Prinċipal, it-tieni u t-tielet applikant sabu xogħol ieħor. Għaldaqstant ġew infurmati b'dan id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kif ukoll il-Jobsplus sabiex ikun jista' jitkompla l-proċess tal-ingaġġ.

**11.13.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref; **7005/24/9** 'Sabiex ir-rikjesta tas-Sna Ritianne Bonnici Assistent Principal mal-Kunsill Lokali tal-Fgura fejn qed titlob biex 46.25hrs vacation leave li ma ttieħidx fis-sena 2024 jiġi mġedded u meħud fis-sena 2025, tiġi milqugħa'

Din kienet sekondata mill-Kuns R Deguara

Il-mozzjoni għaddiet nem con

## 11.14 MOZZJONIJIET

**11.14.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 11.15 PLANNING AUTHORITY

**11.15.1** Il-Kuns C Bonello staqsa dwar l-applikazzjoni tar-razzett l-antik fi Triq Hompesch biex jara jekk kienx hemm progress peress li l-aħħar li avviċinaw lill-Perit kien qalilhom li ż-żmien tal-appell kien għadu ma nfetaħx. Dwar dan id-Deputat Segretarju għandha tivverifika u jekk l-oġġezzjoni ma daħlitx u l-kunsill għadu fi żmien għandha tiddaħħal fl-immedjat.

Il-Kuns I Catania Degiovanni daħal lura fil-kamra fit-19:52

## 11.16 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**11.16.1** Is-Sindku stieden lill-Kuns R Ellul sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns R Ellul qal li fir-rigward tal-water catchment fi Triq il-Kampanella u Triq is-Sur saru xi disinji għalkemm għadhom mhux preżentati fil-laqgħa għax mhux konklużi, qed jistenna li jingħatalu d-diameters tal-pajpijiet u Triq is-Sur għadha taħt il-garanzija b'hekk għadhom ma sarux.

**11.16.2** Il-Kuns R Ellul fir-rigward ta' Vjal Kottoner infurma lill-Perit li kien hemm bżonn xi emendi fil-pjanti. Kif il-pjanti jigu approvati minn Infrastruttura Malta se ssir laqgħa ma' Transport Malta fejn dawn tal-aħħar jagħtu l-clearance u t-triq tkun tista' tibda.

**11.16.3** Il-Kuns R Ellul qal li fir-rigward ta' Triq Valperga k/m Triq is-Sur kien ġie mitkellem li se jsir disinn biex jidħlu 8 parkeġġi u se tiġi emendata t-traffic island. Il-Perit bagħat draft design pero jrid jiġi emendat. Il-Kuns C Bonello qal li l-Perit irid iżomm f'moħħu li kif tinżel

minn Triq is-Sur fuq il-lemin jista' jkun li hemm xi bini jrid jaqa' biex jinbena. Il-Kuns R Ellul qal li l-Perit mexa fuq il-post kif inhu preżentament. Għaldaqstant is-Sindku qal li l-Perit għandu jibgħat il-pjanta u tiġi diskussa din il-materja.

**11.16.4** Il-Kuns R Ellul qal li rigward it-traffic management ta' Triq id-Dejma qed jistenna l-affarijiet u l-clearance min-naħa ta' Transport Malta.

**11.16.5** Il-Kuns R Ellul qal li fir-rigward ta' soft areas tkellem mal-Kuns C Bonello kif ukoll ma' Ambjent Malta fejn tal-aħħar huma disposti li jagħtu xi siġar u/jew pjanti lill-Kunsill fejn il-ħsieb huwa li l-pjanti li jiġu ġol-pots jiġu mħawwla ġol-ħamrija. Il-Kuns C Bonello qal li jekk ikunu żgħar ahjar milli jkunu kbar għax dawk li se jiġu maqlugħa mill-pots tal-main road ikunu jistgħu jiġu mħawwla minnflokhom. Il-Kuns R Ellul qal li se jkollu laqgħa magħhom fejn se jkun qed iżomm aġġornat lill-Kuns C Bonello, fejn tal-aħħar qed jissuġġerixxi li s-siġar ikunu tal-frott. Il-Kuns J Scicluna qalet li jekk jinġiebu dawn is-siġar għandu jinqatgħa l-frott tagħhom mill-ħaddiema tal-kunsill u jingħataw lil xi istitut jew lil xi ħadd fil-bżonn

**11.16.6** Il-Kuns R Ellul kompla billi qal li fi Triq is-Summiena x-xogħol miexi sew fejn illum żar lill-ħaddiema u taw parti mill-konkos u lejn l-aħħar tal-ġimgħa d-dieħla se jingħata l-ewwel saff ta' tarmak fejn eventwalment imbagħad jingħata l-aħħar saff ta' tarmak u jingħalqu t-tliet toroq flimkien.

**11.16.7** Il-Kuns R Ellul qal li fir-rigward ta' timed parking qed jaħdem fuq ir-rapport li jinsab kważi konkluż fejn aktarx jiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss.

**11.16.8** Il-Kuns R Ellul qal li fir-rigward tal-Public Works Application dan il-Kunsill applika għal Triq tal-Gallu, Triq Valperga, Triq il-Merħba, Triq Kampanella k/m Triq is-Sur. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-applikazzjoni ta' Triq tal-Gallu ġiet irrifjutata minħabba li l-ħaddiema tal-public Works ma jagħmlux rekostruzzjoni ta' toroq.

**11.16.9** Il-Kuns R Ellul qal li għandu jinxtara Vibrating Compactor biex meta l-ħaddiema tal-Kunsill jintbagħtu jimlew xi ħofra jibdew jużaw lilu u t-tarmak iżomm iżjed. Għaldaqstant il-Kuns R Ellul ressaq mozzjoni ref: **7006/24/9** 'Sabiex dan il-Kunsill jixtri vibrating compactor plate u concrete cutter sa mhux aktar minn €3,000'

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**11.16.10** Il-Kuns R Ellul qal li b'referenza għal ċertu kummenti li ġew impustati fuq il-midja soċjali llum, talab lid-Deputat Segretarju kif ukoll lis-Sindku biex jingħata kopja tal-imejls li saru fuq l-ilmenti rigward din il-materja mill-Kuns M Lombardo, fejn jidher li ntbagħtu biss 2 imejls iddatati 14 ta' Ottubru 2024 u l-oħra illum 13 ta' Novembru 2024, is-suġġett ikun fuq id-drenaġġ mhux fuq it-triq u jistaqsi meta se jsiru x-xogħolijiet rispettivament.

**11.16.11** Is-Sindku talab lill-Kuns J Scicluna sabiex tagħmel l-intervent tagħha. Il-Kuns J Scicluna qalet li l-aħħar attivita' li saret kienet dik tal-pink October u Movember fejn kien

hemm diversi NGO's li ħadu sehem. Il-Kuns J Scicluna kompliet billi qalet li kien hemm 4 NGO's li huma Marigold Foundation, Europa Donna, Hospice Malta u għaqda ġdida tal-Irġiel, fejn inġabru l-flus fil-bottijiet tad-donazzjonijiet, fejn sa issa ma nafux is-somma miġbura. Is-Sinjura Michelle Muscat mill-Fondazzjoni Marigold irritornat il-bott fejn id-donazzjoni se tiġi pprezentata waqt Open Day. Il-Kuns J Scicluna stiednet lill-membri tal-kunsill biex min jixtieq jattendi fis-26 ta' Novembru bejn 9:30am u 1pm, flimkien mas-Sottokumitat 'Nisa fis-Soċjeta' kif ukoll flimkien mas-Sindku se jkunu qed jipreżentaw id-donazzjoni miġbura.

**11.16.12** Il-Kuns J Scicluna nfurmat lill-membri preżenti li nhar is-Sibt 16 ta' Novembru għandha l-aħħar ħarġa fiż-Żurrieq. Il-Kuns J Scicluna talbet li f'każ ta' maltemp din il-ħarġa għandha tiġi posposta għal data oħra, fejn il-membri tal-Kunsill urew qbil dwar dan.

**11.16.13** Is-Sindku ndirizza lill-Kuns I Catania Degiovanni li din tal-aħħar li se jkun qed jitkellem mingħajr ma jibaghat progress ta' ħidma. Il-Kuns I Catania DeGiovanni skuża ruħu u qal li bagħtu imejl mill-Youth Centre biex issir laqgħa mal-membri kollha tal-Kunsill. Is-Sindku ndirizza lill-Kuns I Catania Degiovanni fejn ġideb l-attenzjoni li qabel ma jitkellem ma' xi terzi jew entita' jew awtorita ma għandux jikkommetti ruħu qabel kull ħaġa tiġi mressqa fuq il-mejda tal-Kunsill. Il-Kuns I Catania DeGiovanni qal li qed jitolbu biex isir riċiviment fejn qalilha li dan ma għandux isir. Il-Kuns I Catania Degiovanni qal li se jgħidilhom biex il-laqgħa ssir fid-29 ta' Novembru fejn kemm is-Sindku u anke Kuns J Scicluna ġibdu l-attenzjoni li se jkunu ndisposti u għalhekk għandha tinstab data oħra alternattiva.

**11.16.14** Is-Sindku talab lill-Kuns C Bonello sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns C Bonello qal li rigward il-ħames edizzjoni tal-esebizzjoni Ħiliet Fgurin, l-inawgurazzjoni tal-Wirja saret kif ippjanat u jidher li t-tliet artisti huma kuntenti. Il-Wirja tibqa miftuħa sat-2 ta' Novembru

**11.16.15** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward ta' l-inizjattiva Milied Riċiklabbli – 2024 se tibda l-ħidma fuqha fil-ġranet li ġejjin

**11.16.16** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward tal-attivita' il-Pjazza fil-Milied se ssir is-Sibt 14 Diċembru bejn is-7pm u l-11pm u l-Ħadd 15 ta' Diċembru bejn l-4:30pm u l-10pm, fejn is-Sibt se jsir l-inawgurazzjoni tal-presepju u l-attivitajiet fuq il-palk prinċipali f'Wesgħa Reggie Miller kif ukoll attivitajiet fi Triq il-Karmelitani. Matul iż-żewġ dati se jinġabru donazzjonijiet b'risq il-Community Chest Fund. Stands tal-arteġjanat u tal-għaqdiet se jkunu fi Triq il-Karmelitani, filwaqt li stands tal-ikel u bars se jkunu Wesgħa Reggie Miller. Attivitajiet tat-tfal se jkunu f'Wesgħa Reggie Miller pero se jkun hemm numru limitat ta' attivitajiet għat-tfal fi Triq il-Karmelitani. Irnexxilhom iġibu wkoll sponsor mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali fejn se jingħataw rigali lill-parteċipanti. Qed tiġi esplorata l-possibilita' li nhar il-Ħadd 15 ta' Diċembru jsir l-ikbar GingerBread man biex jinkiser ir-rekord. Se jiġi mqassam leaflet dwar dawn l-attivitajiet u l-Kuns C Bonello fakkar lil dawk il-Kunsilliera li min għandu xi attivitajiet ipjanati għal Diċembru ma jinsewx jibgħatu l-materjal biex jiddaħħal ir-reklam tagħhom f'dan il-fuljett sa mhux iżjed tard min nhar is-Sibt 16 ta' Novembru. Il-Kuns J Scicluna qalet li għandha attivita' u qed jiġi maħdum il-poster biex tgħaddih ħalli jiġi ppublikat f'dan il-fuljett. Il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref; **7007/24/9** 'Sabiex issir nefqa ta' mhux iktar minn €800 ħalli jinkiser ir-rekord tal-ikbar Ginger Bread Boy'

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**11.16.17** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref; **7008/24/9** 'Mozzjoni addizzjonali ta' €6,000 għall-attivita 'il-Pjazza fil-Milied' u l-Presepju l-ġdid li qed isir u jkopri wkoll parti mill-ispejjeż għas-servizzi ta' pulizija, sigurta', banda tal-lokal, filmati u materjal ieħor relatat'

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**11.16.18** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward tal-Wirja tal-Milied fil-Kunsill Lokali l-preparamenti tal-Wirja kważi lesti, fejn il-wirja prinċipali se tiħi armata minn Keziah Ellul pero se jkun hemm parteċipazzjoni ta'numru ta' anzjani li jattendu fid-day centre bil-presepji li ghamlu kif ukoll se jkun hemm mudell ta' knisja ta' Kieron Caruana. L-inawgurazzjoni se ssir fl-1 ta' Diċembru fis-7pm fil-foyer tal-Kunsill.

**11.16.19** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward tal-kompetizzjoni tal-Milied beda t-tqassim tal-leaflets fejn l-għeluq tal-partecipazzjoni huwa 26 ta' Dicembru 2024 f'nofsinhar. Il-Kuns C Bonello kompla billi qal li se jkun hemm sponsor Chain Supermarket bhas-snin precedenti. Dwar dinil-materja l-Kuns C Bonello qal li se jressaq emenda biex mal-isbah tieqa tigi nkluza wkoll gallerija. Ghaldaqstant il-Kuns C Bonello ressaq mozzjoni ref: **7009/24/9** 'Mozzjoni sabiex il-kompetizzjoni tal-Isbah tieqa tinkludi wkoll l-isbah gallerija armata ghall-Milied'

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**11.16.20** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward taċ-ċelebrazzjoni tas-60 sena Parroċċa kellha ssir laqgħa mal-Kappillan iżda minħabba l-impenji għadha ma saritx u se jibdew il-preparamenti fuqha wara li jgħaddu l-attivitajiet tal-Milied. Il-Kuns C Bonello qal li kif qal is-Sindku fil-laqgħa preċedenti min jixtieq jagħmel xi attivita fil-perjodu ta' Frar għandu javviċina lill-Kuns C Bonello biex jiġi nkluż mal-kumplament tal-programm.

**11.16.21** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward tal-anniversarju tal-40 sena banda se jkun qed jiltaqa' magħhom biex jibdew jiddiskutu dan l-anniversarju

**11.16.22** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward tal-karnival kif informa iżjed qabel is-Sindku dan il-kunsill se japplika għal Skema.

**11.16.23** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward il-Mixgħela f'Ħamis ix-Xirka bdew il-preparamenti fejn saru żewġ laqgħat. L-organizzazzjoni tgħati spinta wara li jgħaddi l-Milied

**11.16.24** Il-Kuns C Bonello qal li lbieraħ ġiet ippreżentata d-donazzjoni li ngabret is-sena l-oħra waqt Pjazza fil-Milied 2023 lil Dar Bjorn fejn kienet inġabret is-somma ta' €1,147.00. Il-

Kuns C Bonello għamilha ċara li l-flus kienu għaddew għand Dar Bjorn ftit jiem wara l-attivita iġifieri lbieraħ kulma sar kienet preżentazzjoni uffiċjali. Kif kienu hemm hekk is-Sur Byorn Formosa fundatur ta' din il-fondazzjoni talab kif nistgħu ngħinuh biex iwettaq il-proġetti li għandhom f'moħħhom u l-Kunsill offra li jospita wirja tal-arti fejn il-Kunsill jieħu ħsieb l-organizzazzjoni tal-wirja u l-inawgurazzjoni u l-fondazzjoni tieħu ħsieb tiġbor il-pitturi kollha li jkunu għal bejgħ fejn l-irkant u l-flus miġbura jkunu kollha fir-responsabbilta tagħhom u l-flus imorru kollha għal Dar Bjorn.

**11.16.25** Il-Kuns C Bonello qal li fil-jiem li għaddew il-President tal-banda sejjaħ laqgħa mas-Sindku flimkien mal-Kuns C Bonello fejn infurmahom li l-banda tal-Fgura ġiet magħżula biex bejn id-9 u t-12 ta' Meju 2025 tieħu sehem flimkien ma' baned oħrajn fil-vatikan waqt is-sehem tal-Ġublew. Din l-okkażjoni għalkemm hija esperjenza fiha nnifisha se tkun avveniment storiku fejn għall-ewwel darba l-banda tal-Fgura se tkun qed iddoqq barra minn xtutna. Marbut ma' din il-mawra hemm ammont ta' spejjeż li jlaħħaq madwar €12,000. Għalhekk kien hemm diskussjonijiet twal mal-President u l-kaxxier dwar kif nistgħu ngħinu biex jinġabru dawn il-fondi. Il-Kuns C Bonello talab li jekk hemm xi kunsillieri li fuq bażi personali jistgħu jgħinu għall-ġbir ta' dawn il-fondi jistgħu jagħmlu kuntatt direttament mal-President. Min-naħa tal-kunsill qed jitlob li jsir endorsement uffiċjali bil-miktub ta' din l-inizjattiva sabiex l-isponsors kollha li jiġu avviċinati jkunu nfurmati b'din l-inizjattiva

**11.16.26** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward ta' soft areas tkompla l-eżerċizzju marbuta mal-pots. Il-Kuns C Bonello staqsa lid-Deputat Segretarju dwar din il-materja, fejn id-deputat Segretarju wieġbet li qed isiru bħal strutturi magħmula mill-fildiferru biex l-iskart li jintefa fil-pots ma' jinżilx fil-ħamrija biex b'hekk ikun faċli li jinġabar u jtneħħa fit-totalita' tiegħu. Barra minn hekk l-istruttura tkun faċilment titla' sabiex meta jitla' l-ħaxix ħażin il-ħaddiema jkunu jistgħu jaqilgħuh. Il-Kuns C Bonello żied li bl-inizjattiva tal-Amministrazzjoni qed nippruvaw li nnaqsu il-ħmieg li jintefa' fil-pots.

**11.16.27** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward tat-tisqija bħalissa twaqqfet minħabba li bħalissa qed tagħmel ix-xita u fil-każ terġgħa ssir skond il-bżonn

**11.16.28** Il-Kuns C Bonello qal li sar tħawwil ta' siġra fi triq il-Pitirross minflok dik li kienet mejta. Rigward il-pots tal-main road se jkun qed jitkellem mal-kuntrattur sabiex jara kif se jkun qed jaħdem. Se jkun qed jivverifika mal-Kuns R Ellul jekk is-siġar li se jingħata l-Kunsill jistgħux jitħawwlu fil-pots jekk le irridu naraw minn fejn se jinxtraw. Qed induru biex naraw fejn hawn siġar mejta jew konok vojta. Iż-Żbir taż-żebbuġ ta' Triq ir-Riħan se jibda matul ix-xahar ta' Novembru. Il-Proġett ta' ħwat fejn l-iskola s-Sindku kellu jara minħabba l-ħaddiema biex ikunu jistgħu jsiru l-ħwat. Is-Sindku nfurma li se ssir laqgħa mal-perit biex ikun jista' japplika għal DNO mal-Awtorita' tal-Artijiet fejn imbagħad jiġu mitluba l-ħaddiema tal-public Works.

**11.16.29** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward tal-Waste Reduction Initiative iltaqgħu Kuns C Bonello u Sindku flimkien mas-Surmastijiet ta' Skejjel A u B rispettivament. Is-Sindku qal li se jsir waste reduction fuq l-organic u l-Kunsill se jkun qed jiprovdi bins u kompost. Is-Sindku spjega l-process ta' kif se tkun qed issir il-parti tal-kompost. Kompla billi qal li din mhux se tkun għal gimgħa waħda izda tkun matul is-sena skolastika biex jitnaqqas il-waste.

**11.16.30** Il-Kuns C Bonello qal li rigward skambji u ġemmellaġġ għal issa ma għandux xi jżied mill-aħħar laqgħa ta' Ottubru

**11.16.31** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward l-informazzjoni fuq il-Fgura għadu qed jistenna mingħand Brandon Lee

**11.16.32** Il-Kuns C Bonello qal li fir-rigward il-bust ta' Patri Timotju ma għandux xi jżied

**11.16.33** Il-Kuns C Bonello qal li rigward il-bnadar tal-Fgura qed jistenna l-qisien biex ikunu jistgħu jinġiebu l-kwotazzjonijiet.

**11.16.34** Is-Sindku stieden lill-Kuns M Lombardo sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns M Lombardo qal li l-ħidma fil-qasam edukattiva tiegħu tikkonsisti min-numru ta' attivitajiet skedati kull ġimgħa. Kompla billi qal li l-klassijiet ta' Read With Me jsiru kull nhar ta' Tnejn filgħodu ghat-toddlers kif ukoll nhar ta' Ħamis wara nofsinhar għal tfal akbar fil-librerija. Il-korsijiet ta'Life long learning jsiru nhar ta' Tnejn fil-5:30pm fejn jiġi mgħallem il-Malti għall-barranin kif ukoll il-Ħamis fil-5:30pm lezzjonijiet tal-Ingliż għall-barranin. Kull nhar ta' Erbgħa fl-4pm qed isir il-Junior Science Club fejn il-lezzjonijiet isiru fl-Iskola Primarja fejn huma mimlijin. Il-Kuns M Lombardo kompla billi qal li l-Kunsill mhu qed jalloka l-ebda budget għal dawn l-inizjattivi iżda l-flus allokati għall-Junior Science Club ġew kollha rkuprati minħabba li ż-żewġ sessjonijiet imtlew min-numru rikjest. Żied jgħid li s-sessjonijiet kollha li jsiru wara nofsinhar jiġi personalment hu jiftħilhom u jagħlaq kif jintemmu, qed jitlob biss li l-klassi tinżamm nadifa u ma tintużax bħala store, b'mod partiokolari nhar ta' Tnejn meta jattendu t-toddlers.

**11.16.35** Il-Kuns M Lombardo qal li l-armar tal-Milied jinsab fi stadju avvanzat u qed jipproponi li jiġi mistieden il-President tar-Reġjun għall-inawgurazzjoni li se ssir nhar l-Erbgħa 27 ta' Novembru fil-5:30pm

**11.16.36** Il-Kuns M Lombardo qal li l-attivitajiet ta' Jum il-Fgura kienu kollha suċċess b'organizzazzjoni u attendenza tajba, iżda l-uniku ntopp kien nuqqas ta' kordinazzjoni mill-pulizija waqt il-korteo, fejn l-ispettur responsabbli qalet li ma kellhix biżżejjed nies u li l-għeluq tat-toroq hija fir-responsabbilta tal-Aġenzija LESA u Transport Malta. Min-naħa tal-Kunsill kellu l-permessi kollha meħtieġa u ġew ippubblikati wkoll fil-Gazzetta tal-Gvern. L-attivitajiet tat-tfal saru kollha b'xejn sabiex inżommu mal-budget fejn din is-sena lanqas token li s-soltu nagħtu lit-tfal ma tajna.

**11.16.37** Il-Kuns M Lombardo qed jipproponi li ssir attivita' għat-tfal nhar il-31 ta' Jannar 2025 sabiex it-tfal jippreżentaw ix-xogħolijiet tagħhom u jiġu ppremjati għall-parteċipazzjoni tagħhom f'Jum il-Fgura. Iċ-ċerimonja se ssir fi Triq Nazzareno Farrugia sabiex ma jingħalaqx l-aċċess għat-traffiku imma fl-istess ħin ikunu viċin il-monument tas-salib sabiex permezz tal-kitba u l-kreattivita tat-tfal inkunu qed infakkru s-60 sena Parroċċa. Għal din l-attivita' minbarra l-Iskola u l-Kunsill se jiġi mistieden ukoll il-Kappillan. Għaldaqstant il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **7010/24/9** 'Sabiex issir attivita' nhar il-31 ta' Jannar li matulha t-tfal jippreżentaw ix-xogħolijiet li għamlu f'Jum il-Fgura u jiġu

ppremjati. Allokazzjoni ta' mhux iktar minn €1,000. Din l-attivita' se ssir f'Pjazza Nazzareno Farrugia fid-9am'

Din kienet sekondata mis-Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**11.16.38** Is-Sindku stieden lill-Kuns R Deguara sabiex jagħmel l-intervent tiegħu. Il-Kuns R Deguara qal li għal min se jattendi għal pizza night irid ikun Vjal Kottoner fis-18:45 filwaqt li min se jattendi bil-vetturi privati tagħhom irid ikun fis-7:30pm The Square.

**11.16.39** Il-Kuns R Deguara qal li l-ħarġa għal Ghawdex fadal biss l-aħħar 8 postijiet

**11.16.40** Il-Kuns R Deguara qal li fir-rigward tas-safra għal Sqallija għad ma għandux prezzijiet minħabba l-fatt li jista' jkun hemm xi offerti

**11.16.41** Il-Kuns R Deguara qal li day centre miexi sewwa u l'bieraħ kellu konferma li 4 persuni milli jattendu d-day centre se jipparteċipaw fil-wirja tal-presepji, fejn hemm persuna se tkun qed tħallih tul il-wirja kollha filwaqt li l-oħrajn se jkunu qed joħduh qabel.

## 11.17 MISTOQSIJIET

**11.17.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 11.18 AĠĠORNAMENT

**11.18.1** Il-laqgħa ntemmet fid-20:48hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgha 11 ta' Diċembru, 2024 fil-17:30hrs.

| | |
|---|---|
| Is-Sur Clayton Cascun Portelli | Is-Sinjura Ritianne Bonnici |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |

Data:13 ta' Novembru, 2024